MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tat-28 ta' Gunju, 2006

Citazzjoni Numru. 90/1990/1

**Saviour Ellul Bonici f'ismu proprju u fl-interess ta' ibnu minuri Joseph Ellul Bonici, Doris mart Saviour Ellul Bonici, Kevin Ellul Bonici, Glorianne Ellul Bonici, Geraldine Ellul Bonici, Leonard Ellul Bonici, Moira Ellul Bonici fil-kwalita'  taghhom bhala eredi tal-mejjet Stephen Ellul Bonici.**

**vs.**

**Salvatore Farrugia.**

**Il-Qorti,**

## <u>I. PRELIMINARI.</u>

Rat ic-citazzjoni attrici datata 29 ta' Jannar 1990 pprezentata quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Albert Manche' a fol. '1a' tal-process fejn gie premess:-

Illi l-konvenut Salvatore Farrugia fil-lejl ta' bejn il-hdax u t-tnax ta' Jannar 1990, spara fuq il-persuna ta' Stephen Ellul Bonici b'diversi tiri b'arma tan-nar u laqtu b'mod li kkaguna l-mewt tieghu u barra minn hekk ikkaguna wkoll diversi hsarat fuq il-karozza tieghu Mazda 323.

Illi minhabba f'dan l-agir tal-konvenut l-atturi sofrew u qieghdin isofru danni kbar u rreparabbli u dan fil-kwalita' taghhom ta' l-eredi tal-mejjet Stephen Ellul Bonici.

Illi l-konvenut ma resaqx biex jillikwida u jhallas id-danni minnu kagunati lill-atturi.

Illi ghalhekk l-istess atturi talbu li l-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-konvenut volontarjament ikkaguna l-mewt ta' Stephen Ellul Bonici u dan billi spara fuqu u laqtu kif ukoll bl-istess sparaturi laqat u ghamel hsara fil-karozza tieghu u b'hekk ikkawza danni lill-atturi.

2. Tillikwida d-danni sofferti mill-atturi u dan hekk hemm bzonn bl-opera ta' perit nominandi.

3. Tikkundanna l-konvenut ihallas lill-atturi dik is-somma li tigi likwidata a bazi tat-tieni domanda.

Bl-ispejjez u l-imghaxijiet mid-data ta' l-incident kontra l-konvenut li ghandu jibqa' ingunt ghas-subizzjoni u bl-ispejjez inkluz dawk tal-mandat ta' inibizzjoni prezentat kontestwalment, l-ittra ufficjali prezentata kontestwalment, mandati ta' qbid numru 101/90 u 113/90, u l-mandati ta' sekwestri numri 101/90 u 113/90, mandati ta' sekwestru numru 100/90 u 114/90.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-atturi u l-lista tax-xhieda a fol. '1f' tal-process.

Rat id-digriet tal-1 ta' Marzu 1990 tal-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Albert Manche' fejn appunta l-kawza ghas-smiegh ghas-27 ta' April 1990.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut Salvatore Farrugia datata 22 ta’ Marzu 1990 a fol ‘1I’ tal-process fejn gie eccepit:-

1. Illi fl-ewwel lok u preliminarjament dan il-kaz ma jistax jibda jinstema’ qabel jigi deciz il-kaz kriminali li jinstab pendenti quddiem il-Qorti tal-Magistrati fl-ismijiet **“Il-Pulizija vs Salvatore Farrugia”,** u dan peress illi hu principju *ben saput* fid-dritt penali u l-amministrazzjoni tal-gustizzja in generali illi hadd mhu tenut jixhed jekk jista’ jinkrimina ruhu u *di piu’* bhala principju ta’ gustizzja naturali *‘audi alteram partem’* parti ma tistax tigi prekluza proceduralment u b’mod anti-kostituzzjonali li tiddefendi l-kaz taghha u tigi mismugha.

2. Illi t-talbiet attrici ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra l-istess atturi u dan peress li f’kull sens dawn huma ghal kollox infondati fil-fatt u fil-ligi.

3. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzzjoni tal-konvenut Salvatore Farrugia a fol ‘1j’ tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Albert Manche’ tas-27 ta’ April 1990 fejn deher l-attur Saviour Ellul Bonici assistit minn Dr. Consuelo Scerri Herrera. Il-kawza giet differita ghat-trattazzjoni ta’ l-eccezzjoni preliminari ghas-16 ta’ Mejju 1990; tas-16 ta’ Mejju 1990 fejn deher l-attur assistit minn Dr. Jose` Herrera u Dr. Emanuel Mallia u Dr Giannella Caruana Curran ghall-konvenut li ma deherx. Dr. Mallia talab li d-Direttur tal-Habs jassigura li fl-udjenza li jmiss il-konvenut jidher. Il-Qorti laqghet it-talba u ordnat *tramite* l-Agent Registratur lid-Direttur tal-Habs fl-udjenza li jmiss jibghat il-konvenut il-Qorti. Il-kawza giet differita ghas-27 ta’ Gunju 1990; tas-27 ta’ Gunju 1990 fejn deher l-attur assistit minn Dr Jose’ Herrera u Dr Alex Perici Calascione ghall-konvenut li esebixxa certifikat mediku li juri l-konvenut huwa pazjent fl-isptar u ma setghax jattendi ghall-istess seduta. Il-

kawza giet differita ghat-18 ta' Ottubru 1990 ghat-trattazzjoni ta' l-eccezzjoni preliminari dwar l-inkompetenza ta' l-istess Qorti.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta tat-18 ta' Ottubru 1990; 29 ta' Jannar 1991; 20 ta' Mejju 1991; 11 ta' Novembru 1991; 24 ta' Frar 1992; 8 ta'Mejju 1992; 2 ta' Ottubru 1992; 11 ta' Dicemdru 1992; u tat-3 ta' Marzu 1993;

Rat il-verbali tas-seduta mizmuma quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Alberto J. Magri tat-12 ta' Mejju 1993; tal-11 ta' Ottubru 1993; tal-10 ta' Jannar 1994; tal-11 ta' Marzu 1994; tal-24 ta' Gunju 1994; 25 ta' Novembru 1994; tal-20 ta' Frar 1995; u tal-5 ta' Mejju 1995 fejn il-kawzi kollha gew differiti ghar-rapport.

Rat in-nota ta' l-attur **Saviour Ellul Bonici** datata 10 ta' Ottubru 1995 a fol 11 tal-process li permezz taghha pprezentaw l-affidavit tieghu stess.

Rat l-avviz tal-Qorti kif diversament presjeduta, tal-25 ta' Ottubru 1995 a fol 13, fejn minhabba ndispozizzjoni ta' l-istess Qorti l-kawza giet differita ghall-11 ta' Dicembru 1995.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Alberto J. Magri tal-11 ta' Dicembru 1995 (fol 14); u tat-8 ta' Marzu 1996 fejn il-kawza giet differita ghall-10 ta' Lulju 1996 biex tinstema' quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorabbli Mhallef Noel Arrigo.

Rat il-verbali tas-seduta mizmuma quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorabbli Mhallef Noel Arrigo tal-10 ta' Lulju 1996 a fol 17 tal-process; tat-18 ta' Novembru 1996; tad-9 ta' April 1997; tas-26 ta' Settembru 1997; u tat-28 ta' Jannar 1998 fejn il-kawza giet dejjem differita sabiex jigi pprezentat ir-rapport tal-Perit Legali Dr. Joseph Zammit McKeon.

Rat ir-rikors ta’ Saviour Ellul Bonici *proprio et nomine* datat 20 ta’ April 1998 a fol 30 tal-process fejn talab lil din il-Qorti joghgobha tiffissa l-ahhar seduta ghall-provi tal-konvenut u fin-nuqqas tawtorizza l-Perit Legali Dr J Zammit McKeon sabiex jghaddi ghar-rapport u dan taht dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa u opportuni. Il-Qorti, kif diversament presjeduta, ordnat li ssir notifika lill-kontro-parti b’erbat ijiem zmien ghar-risposta bid-digriet taghha tas-27 ta’ April 1998.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Arrigo tal-15 ta’ Gunju 1998; u tal-14 ta’ Dicembru 1998 (fol 36);

Rat l-avviz tal-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Arrigo tal-11 ta’ Gunju 1999 (fol 39) fejn il-kawza giet differita ghallum stess biex tinstema’ quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef David Scicluna.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef David Scicluna tal-11 ta’ Gunju 1999 a fol 40 tal-process fejn dehret Dr. Ruth Farrugia. Il-Qorti hekk kif diversament presjeduta ivverbalizzat li peress li l-istess kawza kienet tirrigwarda ncident illi kien gie nvestigat mill-Imhallef hekk sedenti u dan bhala Magistrat Inkwerenti, l-istess Onorevoli Mhallef David Scicluna astjena milli jiehu konjizzjoni ulterjuri tal-kawza u ordna illi l-atti jigu rimessi quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorabbli Mhallef Noel Arrigo ghas-seduta tal-25 ta’ Gunju 1999.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Arrigo tal-25 ta’ Gunju 1999 (fol 41).

Rat l-avviz tal-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Arrigo tal-1 ta’ Novembru 1999 fejn il-kawza giet differita ghad-9 ta’ Novembru 1999,

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Arrigo tad-9 ta' Novembru 1999 a fol 43 tal-process fejn deher il-Perit Legali Dr. Joseph Zammit McKeon li nforma lill-Qorti li l-process originali ma kienx ghandu. Il-Qorti ordnat li jekk tali process ma jinstabx l-istess process kellu jigi rikostruit. Fit-tieni lok l-istess perit legali informa lill-Qorti wkoll bid-diffikultajiet li kien qed ikollu biex jigbor il-provi tal-konvenut. Ghal dan il-ghan b'ordni tal-Qorti gew iffissati zewg seduti fis-17 u fit-28 ta' Jannar 2000 u fin-nuqqas li jingabru dawn il-provi l-Perit Legali gie awtorizzat jirrelata fuq il-provi migbura. Il-kawza giet differita ghas-7 ta' April 2000.

Rat in-nota tal-konvenut ipprezentata fil-21 ta' Jannar 2000 a fol 46 tal-process li biha esebixxa l-affidavit ta' **Carmen Farrugia** (fol 47 sa 52) u ta' **Doris Zammit** ( 53 sa 56) datati 14 ta' Jannar 2000.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Arrigo tas-7 ta' April 2000 (fol 57) fejn deher il-Perit Legali Dr Joseph Zammit McKeon li nforma lill-Qorti li l-affidavits kienu issa gew prezentati u l-kawza giet differita ghar-rapport ghat-30 ta' Ottubru 2000.

Rat ir-rikors ta' Salvatore Farrugia li jgib id-data tal-11 ta' Frar 2000 a fol 58, fejn talab lill-Qorti joghgobha tissospendi l-procedura tal-gbir tal-provi tal-konvenut fil-kawza fl-ismijiet fuq premessi sakemm il-proceduri fil-kawza kriminali pendenti quddiem l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-ismijiet **"Ir-Repubblika ta' Malta vs Salvatore Farrugia"** jigu konkluzi definittivament. Il-Qorti, kif diversament presjeduta, fid-digriet taghha tat-3 ta' Marzu 2000 (fol 59), ordnat li ssir notifika lill-kontro-parti b'erbat ijiem zmien ghar-risposta.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta tat-30 ta' Ottubru 2000 a fol 60 tal-process fejn dehret biss Dr. Ramona Frendo ghall-konvenut. B'riferenza ghar-rikors taghha tal-11 ta' Frar 2000 il-Qorti laqghet it-talba u f'dak l-istadju ssospendiet

il-gbir tal-provi. Il-kawza giet differita ghad-19 ta’ Jannar 2001 ghal aktar informazzjoni; u tad-19 ta’ Jannar 2001.

Rat l-avviz tal-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Arrigo tat-2 ta’ Lulju 2001 (fol 62) fejn il-Qorti ordnat li l-kawza tigi differita ghall-1 ta’ Novembru 2001 peress li l-Imhallef sedenti kien indispost.

Rat in-nota tal-konvenut **Salvatore Farrugia** datata 11 ta’ Settembru 2001 (fol 64) fejn permezz taghha esebixxa l-affidavit tieghu stess datat 10 ta’ Settembru 2001.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta tal-1 ta’ Novembru 2001; u tal-20 ta’ Frar 2002;

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef David Scicluna tal-5 ta’ Gunju 2002 (fol 70) fejn il-Qorti issollecitat lill-Perit Legali sabiex jipprovdi lid-difensuri tal-partijiet il-verbali tas-seduti sabiex din il-kawza tkun tista’ tigi stradata. Il-kawza giet differita ghar-rapport ghat-3 ta’ Dicembru 2002.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorabbli Mhallef Noel Cuschieri tat-3 ta’ Dicembru 2002 (fol 71) fejn meta issejhet il-kawza ma deher hadd. Il-Qorti ssollecitat il-Perit Legali Dr. Zammit McKeon biex jesegwixxi l-inkarigu mill-aktar fis. Il-kawza giet differita ghat-28 ta’ Frar 2003; tat-28 ta’ Frar 2003 fejn dehret Dr Ramona Frendo ghall-konvenut li nformat lill-Qorti li l-prospett li ser jipprezentaw l-atturi ghadu ma wasalx fil-pussess taghha u l-kawza giet differita ghat-30 ta’ Mejju 2003 ghar-rapport; u tat-30 ta’ Mejju 2003 (fol. 73) fejn dehret Dr Rachel Loporto Montebello ghall-konvenut li nformat lill-Qorti illi l-provi ngabru u qieghdin fi stadju tal-prezentata tan-noti quddiem il-Perit Legali. Il-kawza giet differita ghall-31 ta’ Ottubru 2003 ghar-rapport.

Rat ir-rikors ta’ l-attur *proprio et nomine* datat 9 ta’ Ottubru 2003 fol 75 fejn talab lill-Qorti joghgobha illi tawtorizza

jesebixxi s-sentenza ndikata fl-istess rikors quddiem il-Perit Legali  Dottor J. Zammit McKeon. Il-Qorti, kif diversament presjeduta, fid-digriet taghha tal-21 ta’ Ottubru 2003, ordnat in-notifika ta’ l-istess lill-kontro-parti b’erbat ijiem zmien ghar-risposta.

Rat ir-risposta tal-konvenut Salvatore Farrugia li ggib d-data tad-19 ta’ Jannar 2004 (fol 115) fejn huwa oggezzjona ghat-talba kontenuta fir-rikors promotur u ssottometta li tali talba ghandha tigi michuda u illi din il-kawza fl-ismijiet fuq premessi tigi deciza fuq il-provi diga` migbura.

Rat id-digriet ta’ din il-Qorti diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri datat 20 ta’ Jannar 2004 fejn cahdet it-talba tal-atturi sabiex jesebixxu kopja tas-sentenza kriminali moghtija mill-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell Kriminali fl-ismijiet **“Ir-Repubblika ta’ Malta vs. Salvatore sive Salvu Farrugia”** deciza nhar il-5 ta’ April 2001 (Att ta’ Akkuska Numru 17/92) kollox kif jidher a fol. 75 u 116 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri tal-31 ta’ Ottubru 2003 (fol 78) fejn dehret Dr. Rachel Montebello ghall-konvenut u deher ukoll il-Perit Legali Dr. J Zammit McKeon. Il-Qorti ffissat terminu ta’ tletin (30) gurnata sabiex l-atturi jipprezentaw n-nota ta’ osservazzjonijiet taghhom bil-*visto* tal-kontro-parti u wara li jghaddi dan it-terminu, il-konvenut gie awtorizzat jipprezenta n-nota tieghu fi zmien tletin (30) gurnata. Il-kawza giet differita ghas-27 ta’ Frar 2004 ghar-rapport.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet ta’ l-attur *proprio et nomine* pprezentata fir-Registru Superjuri fil-15 ta’ Dicembru 2003 a fol 81 sa 91 tal-process.

Rat in-nota ta’ osservazzjonijiet tal-konvenut Salvatore Farrugia pprezentata fit-30 ta’ Dicembru 2003 a fol 94 sa 114 tal-process.

Rat l-ordni tal-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri tas-27 ta’ Frar 2004 fejn il-kawza giet differita ghall-4 ta’ Mejju 2004 ghall-istess skop tal-verbal precedenti.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri tal-4 ta’ Mejju 2004; tal-15 ta’ Ottubru 2004; tal-10 ta’ Novembru 2004; u tat-18 ta’ Jannar 2005 fejn deher Dr James D’Agostino li assuma l-patrocinju tal-konvenut, deher ukoll Dr Edward Zammit Lewis ghall-atturi. Il-Qorti ordnat lill-Perit Legali jikkonkludi r-relazzjoni sad-differiment li jmiss u fin-nuqqas, *stante* li n-noti tal-partijiet ilhom prezentati mit-30 ta’ Dicembru 2003, jigi revokat l-inkarigu tieghu. Il-kawza giet differita ghall-20 ta’ Mejju 2005 ghar-rapport; tal-20 ta’ Mejju 2005; tad-19 ta’ Ottubru 2005 (fol 124) fejn deher Dr. Adrian Camilleri li assocja ruhu fil-patrocinju ta’ l-atturi. Deher ukoll il-Perit Legali Dr Joseph Zammit McKeon li pprezenta r-relazzjoni tieghu u l-kawza giet differita ghas-6 ta’ Dicembru ghall-intaxxar, hlas u konferma tar-rapport tal-Perit Legali.

Rat is-seduti mizmuma quddiem il-Perit Legali Dr J. Zammit McKeon fejn fl-ewwel seduta tad-9 ta’ Jannar 1991 xehed **Patrick Filletti** (fol 129 u 130) prodott mill-attur; tad-19 ta’ April 1991 fejn ma sar xejn; tat-3 ta’ Lulju 1991 fejn xehed l-attur **Leonard Ellul Bonici** (fol 131 sa 133); tat-18 ta’ Ottubru 1991, tas-7 ta’ Jannar 1992 u tat-30 ta’ Marzu 1992 fejn ma sar xejn; tal-10 ta’ Lulju 1992; tas-6 ta’ Novembru 1992; tal-20 ta’ Ottubru 1993; tad-9 ta’ Marzu 1994 fejn xehed l-**Ispettur John Rizzo** (fol 140 sa 146); tat-23 ta’ Gunju 1994; tat-22 ta’ Mejju 1995; tad-19 ta’ Ottubru 1995; tat-12 ta’ Jannar 1996 fejn xehed l-**attur Saviour Ellul Bonici** ( fol 150 sa 152) in kontro-ezami; tas-26 ta’ Marzu 1996; tat-13 ta’ Gunju 1996 fejn xehed **Leonard Ellul Bonici** (fol 153 sa 155) in kontro-ezami; tas-6 ta’ Jannar 1997; tal-14 ta’ Frar 1998; tal-24 ta’ Settembru 1998; tat-22 ta’ Frar 1999 fejn xehdu in kontro-ezami: **Lauren Mizzi** (fol 159 u 160), **Patrick Filletti** (fol 160 u 161) u **Joanne Ellul Bonici** (fol 161); tat-3 ta’ Lulju 2000; u tal-1 ta’ Frar 2002 fejn xehed il-**konvenut Salvatore Farrugia** (164 u 165) in kontro-ezami.

Rat ir-rapport tal-Perit Legali Dr. Joseph Zammit McKeon datat 19 ta' Ottubru 2005 a fol 229 *et sequitur* tal-process fejn ikkonkluda li din il-Qorti ghandha tilqa' t-talbiet attrici kif dedotti kontra l-konvenut. Il-*quantum* ta' danni li ghandu jigi likwidat huwa disa' u ghoxrin elf tliet mija u hames liri Maltin (Lm29,305) kif fuq inghad.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta tas-6 ta' Dicembru 2005 a fol 274 fejn deher Dr Joseph Zammit McKeon li kkonferma r-rapport, deher ukoll Dr Edward Zammit Lewis. Il-kawza giet differita ghad-9 ta' Frar 2006 ghall-ezami tar-rapport.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem din il-Qorti kif presjeduta tad-9 ta' Frar 2006 a fol 275 fejn deher Dr. Michael Camilleri ghall-attrici. Il-Qorti nnotat li kull ma ghandha quddiema hu biss spoll u rrizulta li hemm xi atti neqsin mill-process. Dr Michael Camilleri ghall-attur, talab li jipprezenta nota ta' osservazzjonijiet. Il-Qorti laqghet it-talba u pprefeggiet terminu ta' tletin (30) gurnata lill-atturi biex jipprezentaw n-nota ta' osservazzjonijiet bil-*visto*/notifika lid-difensur tal-kontro-parti li jkollu tletin (30) gurnata biex jirrispondi mid-data tan-notifika tan-nota ta' osservazzjonijiet, b'dan li jekk in-nota attrici ma tigix ipprezentata fit-terminu ndikat, it-terminu ghan-nota tal-konvenut jibda jghaddi mill-gheluq tat-terminu moghti lill-atturi. Il-Qorti nfasizzat li din il-kawza ilha pendenti mill-1990. Il-kawza giet differita ghas-6 ta' April 2006 ghall-finali trattazzjoni.

Rat in-nota ta' l-attur *proprio et nomine* pprezentata fis-27 ta' Frar 2006 a fol 276 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem din il-Qorti kif presjeduta tas-6 ta' April 2006 a fol 278 tal-process fejn deher Dr Edward Zammit Lewis ghall-atturi prezenti. Deher ukoll Dr James D'Agostino ghall-konvenut. Dr Zammit Lewis impenja ruhu li dak in-nhar stess jghaddi kopja tan-nota ta' osservazzjonijiet lil Dr D'Agostino li ta l-*visto* relattiv *seduta stante* bit-terminu ghan-nota ta' osservazzjonijiet b'hekk jghaddi minn dak in-nhar. Il-

kawza giet differita ghas-sentenza ghat-28 ta’ Gunju 2006.

Rati n-nota ta’ kritika tal-konvenut ghar-rapport tal-Perit Legali l-Avukat Joseph Zammit McKeon ipprezentata fir-Registru Superjuri fl-24 ta’ Mejju 2006.

Rat ix-xhieda kollha prodotta.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi din hija kawza li saret mill-atturi bhala eredi tal-mejjet Stephen Ellul Bonoci fejn qed jitolbu li l-istess konvenut jigi ddikjarat responsabbli tal-mewt volontarja ta’ l-istess imsemmi Stephen Ellul Bonici u dan billi l-istess konvenut spara fuqu u b’hekk ikkaguna l-mewt tieghu u dan fil-lejl ta’ bejn il-11 u t-12 ta’ Jannar 1990 u apparti dan ikkawza wkoll danni ohra lill-atturi; talab ukoll li jigu likwidati d-danni hekk sofferti mill-atturi u wkoll li l-istess konvenut jigi kkundannat ihallas l-istess danni hekk ikkawzati. Illi l-konvenut, apparti eccezzjonijiet ta’ natura preliminari li llum gew sorvolati ecceppixxa li t-talbiet attrici ghandhom jigu respinti bl-ispejjez.

Illi l-perit legali Dr. Joseph Zammit McKeon fir-rapport tieghu datat 19 ta’ Ottubru 2005 ikkonkluda li l-istess konvenut kien responsabbli ghall-mewt ta’ l-istess Stephen Ellul Bonici u dan billi spara lejn l-istess u kkaguna l-mewt tieghu.

Illi fil-fatt wara li din il-Qorti ezaminat il-provi kollha prodotti, inkluzi l-affidavits u x-xhieda moghtija quddiem l-istess perit legali din il-Qorti thoss li l-konkluzjonijiet ta’ l-istess perit legali dwar responsabbilta’ tal-mewt ta’ l-imsemmi Stephen Ellul Bonici huma korretti u gustifikati u thoss li mill-istess provi gie ppruvat b’mod mill-iktar konvincenti u certament fil-grad rikjest mill-ligi li l-istess

konvenut kien responsabbli ghall-mewt ta’ l-istess Stephen Ellul Bonici u din il-Qorti taqbel mal-konsiderazzjonijiet kollha tal-perit legali f’dan ir-rigward u tirreferi fil-fatt ghall-paragrafu 16 sa paragrafu 54 tar-relazzjoni tieghu u taddotta l-istess konsiderazzjonijiet u konkluzjonijiet hemm kontenuti fir-relazzjoni msemmija tal-perit legali bhala parti integrali minn din is-sentenza.

Illi fil-fatt mill-provi prodotti jirrizulta li l-istess Stephen Ellul Bonici kellu xi problemi dwar in-negozju li huwa kellu ma’ Carmen u Doris ahwa Farrugia, ulied il-konvenut, dwar it-tmexxija tar-*restaurant* “Mes Amis Bar and *Restaurant*” Marsascala, problemi li d-*decujus* kien tkellem dwarhom qabel il-mewt tieghu ma’ Joanne Spiteri u Patrick Filletti, anke qabel il-gurnata tal-mewt tieghu kif l-istess xhieda sostnew fix-xhieda taghhom; li kien hemm dan id-disgwid bejn l-istess mejjet u l-ahwa Carmen u Doris Farrugia jinsab ikkonfermat mix-xhieda stess ta’ l-imsemmija Carmen u Doris Farrugia.

Illi jirrizulta lil din il-Qorti li fid-data ta’ l-incident kien il-konvenut li spara lill-mejjet Stephen Ellul Bonici u li l-istess miet konsegwenza ta’ tiri ta’ arma tan-nar sparati fuqu u hu spicca mal-art ma’ genb il-vettura tieghu stess li kienet quddiem ir-*restaurant* “Mes Amis”; jirrizulta li l-imsemmi Stephen Ellul Bonici kien fir-*restaurant* qabel l-incident ghaliex kien imissu huwa jorqod hemmhekk sabiex joqghod ghassa mal-hanut; ma hijiex cara ghaliex l-istess Carmen u Doris Farrugia kienu prezenti wkoll hemmhekk dak in-nhar; ma hemm l-ebda dubju li l-konkluzjoni f’dan ir-rigward raggunta mill-perit legali f’paragrafu 33 tar-relazzjoni tieghu hija korretta u jidher car li l-provi jpoggu lill Ellul Bonici fil-posizzjoni li kellu jkun fiha u li permezz taghha ma’ kienx huwa li kien qed ifittex konfrontazzjoni mas-siehba fin-negozju mieghu jew mal-konvenut.

Illi dwar kif gara l-incident hemm ix-xhieda cara ta’ Lauren Mizzi li kienet tabita ezatt faccata tal-hanut in kwistjoni, xhud li hija kompletament indipendenti mill-partijiet u li xehdet li hija kienet rieqda u qamet minhabba li semghet storbju ta’ nies jitghajru u minbarra l-ghajjat semghet zewg

tiri u meta marret tittawwal ghal barra rat lil Stephen Ellul Bonici hiereg mir-*restaurant* u l-konvenut jigri warajh.

Illi fil-fatt l-istess xhud sostniet fl-affidavit taghha immarkat bhala Dok. “ZZ” a fol. 188 tal-process illi:-

*“Smajt zewg tiri b’pawsa bejniethom, ghelbitni l-kurzita’ u ergajt mort fit-tieqa tal-kamra tas-sodda. Minnufih rajt lil Stephen* Ellul Bonici *hiereg mir-restaurant jigri u rajt lill-konvenut jigri warajh. Naf li l-glieda taghhom kienet fuq xi kontenut li kien jinsab gewwa borza tal-plastic bajda. Dan nafu ghaliex smajt lil Stephen jghidlu: “Ara din il-borza l-bajda”. Nghid illi fil-frattemp rajt lil Carmen, bint il-konvenut, tghajjat fit-tieqa tar-restaurant. Naf illi Stephen mar jigri ghal karozza tieghu Mazda u Salvatore Farrugia baqa’ jigri warajh. F’dan il-hin Stephen ipprova jitlaq peress illi xeghel il-wipers u d-dawl tal-karozza izda l-konvenut spara zewg jew tlett tiri m’iniex certa kemm numru ghal fuq Stephen”.*

*“Nghid illi bdejt nisma’ lil Carmen tghid dawn il-kliem diversi drabi: “Le pa’ x’ghamilt b’idejk””.*

*“Nghid li rajt lil Stephen jiftah il-karozza u waqa’ stendut minnha min-naha ta’ quddiem tal-passiggier. Kien hemm tir wiehed min-naha tal-windscreen ta’ quddiem fin-naha fejn joqghod id-driver u dan sar proprju meta Stephen ipprova jistartja l-karozza. Tir iehor min-naha tat-tieqa tal-passigiera ghal fuq Stephen. Sussegwentement meta resaq il-boghod ta tir iehor. Farrugia kellu l-karozza tieghu f’nofs it-triq. Fil-frattemp Stephen kien ma’ l-art jokrob ghall-ghajjut. F’dan il-mument il-konvenut telaq ma’ bintu l-ohra ma nafx x’jisimha u Carmen baqghet fuq fit-tieqa. Stephen beda jaghjjatilha biex tmur tghinu. Hi bdiet tghid “ara x’ghamilt pa” u telqet ma’ missierha”.*

Illi din ix-xhieda taghha Lauren Mizzi kkonfermata fil-kontro-ezami li sar lilha fit-22 ta’ Frar 1999 u din il-Qorti thoss li din ix-xhieda ma thalli l-ebda dubju li kien il-konvenut responsabbli ghall qtil ta’ l-imsemmi Stephen Ellul Bonici, u kien il-konvenut li kien il-hin kollu fil-hin krucjali qed jigri wara l-mejjet u fil-fatt l-istess kien qed

jipprova jahrab mill-konvenut, izda ma rnexxilux ghar-ragunijiet indikati u spjegati bl-iktar mod car f'din ix-xhieda ta' persuna ghal kollox indipendenti mill-partijiet involuti fl-incident u dawk fil-kawza odjerna.

Illi ma hemm l-ebda dubju lanqas li l-mejjet kien qed jipprova jahrab minn fuq il-post u kien qed jigi segwiet mill-istess konvenut, tant li mix-xhieda ta' dak iz-zmien l-Ispettur John Rizzo, llum il-Kummissarju tal-Pulizija dan xehed li meta mar fuq il-post huwa sab il-karozza Mazda 323 – Reg. No. J – 1992 bil-magna startjata u bil-*wipers on* u bil-bieba tal-passiggiera quddiem miftuha u mitluq ma' l-art kien hemm l-istess Stephem Ellul Bonici, b'rasu l-isfel u rasu mdawra  lejn il-lemin, li kien miet b'konsegwenza ta' l-istess sparatura. Jidher li kien hemm fuq il-post fil-hin ta' l-incident Doris u Carmen Farrugia. Ikkonferma li kien hemm dak li huwa rrefera bhala *informer* li qaltlu kif gara l-kaz u li kien hemm zewg nisa fuq identifikati u l-konvenut fuq il-lant ta' l-incident, ghalkemm ghall-ewwel l-imsemmija Doris u Carmen Farrugia kienu marru l-Ghassa ta' Haz-Zabbar ghall-habta tas-1.00.a.m. u kienu rrapportaw li kien sehh *hold up* fl-imsemmi *restaurant*. Mill-investigazzjonijiet irrizultalu li ma kienx vera li sar dan il-*hold up* izda li kien il-konvenut li kien spara lejn il-persuna mejta; il-konvenut kien ammetta mieghu li kien huwa li spara.

Illi l-konvenut fl-affidavit tieghu jghid li kien il-mejjet li kien qed jigri warajh izda assolutament dan huwa kontradett mix-xhieda ta' l-imsemmija Lauren Mizzi; jallega li huwa spara sabiex ibezza' lill-mejjet izda tali xhieda certament ma hijiex kredibbli u dan apparti l-hafna inkonsistenzi li fiha anke max-xhieda minnu stess prodotta nkluza dawk ta' uliedu li jidher car li ghall-ewwel ghamlu minn kollox sabiex jevitaw li jghidu l-verita' tant li marru jaghmlu rapport li kien sehh *hold up* – u kien biss wara li saru l-investigazzjonijiet u l-ammissjoni tal-konvenut li kkoncedew li kien missierhom li kien spara fuq l-istess Stephen Ellul Bonici.

Illi hawn il-Qorti ma' tistax ma tirreferhix ghall-inkonsistenzi fix-xhieda tal-konvenut u x-xhieda prodotta

minnu hafna minnhom identifikati mill-perit legali fir-relazzjoni anke f'paragrafu 41 tar-relazzjoni peritali, u din il-Qorti thoss li l-versjoni ta' l-istess konvenut ma tistax tigi accettata, specjalment meta huwa u x-xhieda tieghu litteralment ikkontradixxew ruhhom diversi drabi specjament dwar il-mod kif gara l-incident, dwar l-isparar *da parte* tal-konvenut, dwar il-mod kif inqala' l-argument, ta' kif sar ir-rapport,  ta' fejn spiccat l-arma li l-istess konvenut ammetta li uza sabiex spara lill-mejjet.

Illi anzi jirrizulta lil din il-Qorti li kien il-konvenut li spara fuq il-mejjet diversi drabi u dan fil-mument meta l-istess mejjet kien qed jahrab minnu u ghalhekk f'mument meta certament il-konvenut ma kien fl-ebda perikolu; ghalhekk abbazi tal-provi prodotti jirrizulta li l-konvenut konxjentosament u intenzjonalment spara diversi drabi fuq l-imsemmi Stephen Ellul Bonici u wkoll kien l-istess konvenut li agredixxa lill-istess mejjet u ghalhekk huwa responsabbli ghall-mewt volontarju ta' l-istess; ma jirrizultax mill-provi prodotti li l-konvenut ipprova l-allegazzjonijiet tieghu u certament jirrizulta li l-att minnu maghmul huwa illegali u fil-fatt jikkostitwixxi reat; jirrizulta li l-istess konvenut spara lill-vittma meta din kienet qed tahrab minnu u certament li f'dan il-kuntest, l-allegazzjoni tal-konvenut li huwa kien qed jagixxi b'legittima difesa lanqas giet ippruvata – anzi l-provi prodotti jirrizultaw il-kuntrarju u cjoe' li l-konvenut kien l-aggressur tad-*decujus;* f'dan il-kuntest jinghad ukoll li lanqas prova li l-mejjet agredixxa lill-ulied il-konvenut ma hemm,  u din il-Qorti thoss li l-versjonijiet prodotti mill-konvenut u wliedu fil-fatt huma inkonsistenti anke ghal xulxin u ma jaqblux lanqas bejniethom dwar il-mod kif sar l-incident u din ix-xhieda taghhom hija kontraditorja sahansitra fuq il-punt ta' fejn l-konvenut iddispona mill-arma li uza sabiex gie maqtul biha l-imsemmi Stephen Ellul Bonici.

Illi din il-Qorti thoss li mill-provi prodotti gie ippruvat li l-konvenut kien responsabbli ghall-mewt ta' l-istess Stephen Ellul Bonici u dan billi l-istess konvenut ikkawza volontarjament il-mewt ta' l-istess Stephen Ellul Bonici meta spara diversi drabi ghal fuq il-mejjet, u din il-Qorti thoss li gie ppruvat li meta dan ghamlu l-istess konvenut

kien jaf ezatt x'qed jaghmel tant li huwa stess xehed in kontro-ezami li revolver wiehed kien hemm u huwa stess xehed li:-

*"Meta ppontajt ir-revolver, dan kien fid-direzzjoni ta' Stephen proprju bl-istess mod kif hu ghamel lili".*

Illi dan l-istess konvenut xehdu fis-seduta ta' l-1 ta' Frar 2002 u dan huwa wkoll ferm differenti mix-xhieda li huwa ta permezz ta' l-affidavit tieghu ta' l-10 ta' Settembru 2001 fejn qal li *"sparajt xi tiri biex inbezzghu…."*

Illi din il-Qorti thoss li dak li l-istess konvenut qajjem fin-nota ta' kritika tieghu dwar r-responsabbilta' tal-konvenut ma' jistghux jigu accettati u dan peress li l-versjonijiet kollha ta' Doris u Carmen Farrugia jirrizulta li ma humiex kredibbli; anzi jirrizulta li hemm diversi inkonsistenzi fl-istess u sahansitra gidbu mal-Pulizija u ghall-ewwel irrapportaw *hold up,* u ghalhek jidher li l-intenzjoni taghhom kien li joholqu storja sabiex ma jimplikawx lil missierhom u kienu lesti li jmorru it-triq kollha kieku ma kienx hemm xhieda okulari ta' l-akkadut. L-argumenti kollha ta' l-istess konvenut qed jigu rigettati ghaliex din il-Qorti thoss li l-atturi ppruvaw li l-istess konvenut agixxa b'mod intenzjonali sabiex joqtol lill-Stephen Ellul Bonici u dan billi spara diversi drabi lejn l-istess u kawza ta' l-istess sparar huwa kkawza l-mewt ta' l-imsemmija persuna u l-agir ta' l-istess konvenut kien ghal kollox illegali u l-istess konvenut kien jaf ezatt x'qed jaghmel.

Illi ghalhekk din il-Qorti taqbel mal-konkluzjonijiet kollha tal-perit legali f'dan ir-rigward inkluz dwar dak li huwa indika assenza ta' kontributorjeta' u hawn din il-Qorti tirreferi ghall-paragrafu 55 tar-relazzjoni peritali u tikkonfermah u taddotah bhala taghha; izzid tghid li mill-provi prodotti din il-Qorti thoss li dwar kif sehh il-qtil ta' l-istess Stephen Ellul Bonici hemm ix-xhieda cara u skjeta' ta' l-imsemmija Lauren Mizzi; minn ezami tal-provi din il-Qorti thoss li l-allegazzjoni maghmula mill-konvenut li l-mejjet kien spara fid-direzzjoni tieghu ma giet bl-ebda mod ippruvata u x-xhieda f'dan ir-rigward ta' uliedu hija wkoll kontrastanti anke max-xhieda minnu moghtija; mhux

biss izda prova ta’ tali allegati tiri oggettivament ma hemm bl-ebda mod u din il-Qorti thoss li fl-ahjar ipotesi jista’ jinghad li anke f’dan il-kuntest il-konvenut mhux biss ma rnexxhielux jipprova l-allegazzjonijiet tieghu, izda wkoll li x-xhieda minnu prodotta hija kompletament inkonsistenti u kontradetta mix-xhieda prodotta f’din il-kawza, u dan apparti li tali xhieda tal-konvenut hija fl-opinjoni ta’ din il-Qorti mhux kredibbli, proprju minhabba l-inkonsistenza taghha.

Illi fil-fatt jidher li anke fil-kontro-ezami tieghu ta’ l-1 ta’ Frar 2002 huwa jikkonferma li kien huwa totalment in kontroll ta’ l-agir tieghu ghaliex jammetti li l-unika revolver li kien hemm kien f’idejh u fil-mument meta huwa spara Stephen kien wasal hdejn il-karozza tieghu u kien dak il-hin li fil-fatt il-mejjet intlaqat bit-tir. Huwa jghid testwalment:-

*“Meta Stephen wasal hdejn il-karozza tieghu, kien dak il-hin li Stephen intlaqet bit-tir”.*

Illi ma hemmx dubju li f’dan il-kuntest dan ifisser, abbazi tal-provi prodotti u *in vista* tax-xhieda okkulari ta’ Lauren Mizzi, li f’dan il-mument deciziv l-konvenut kien l-unika persuna armata b’arma tan-nar u kien qed jispara lejn persuna li kienet qed tahrab minnu, izda l-konvenut xorta ghazel li jispara lejn l-attur, u din il-Qorti thoss li fic-cirkostanzi gie ppruvat li dan il-konvenut ghamlu konxjentosament u konxju tal-konsegwenzi serji li kien ser jikkawza u li fil-fatt ikkawza.

Illi fl-ahharnett jinghad ukoll li l-istess konvenut instab hati kriminalment ta’ l-istess delitt b’sentenza ta’ l-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell Kriminali datata 5 ta’ April 2001.

Illi dwar likwidazzjoni ta’ danni jirrizulta li din ghandha tkun ibbazata fuq dak li jipprovdi l-**artikolu 1045 tal-Kap 16** u dan ghal dak li huwa legalment maghruf bhala *damnun emergens* u *lucrum cessans.* Dwar l-ewwel tip ta’ danni ma jirrizultax li l-atturi resqu xi prova u allura ma hemmx danni f’dan is-sens x’jigu likwidati.

Illi f'dak li huwa *lucrum cessans* din il-Qorti taghmel riferenza proprju ghall-imsemmi **artikolu 1045 tal-Kap.12** li jiddisponi li:-

*"(1) Il-hsara li l-persuna responsabbli ghandha twiegeb ghaliha, skond id-disposizzjonijiet ta' qabel, hija t-telf effettiv li eghmil taghha jkun gieb direttament lill-parti li tbati l-hsara, l-ispejjez li din il-parti setghet kellha taghmel minhabba l-hsara, it-telf tal-paga jew qliegh iehor attwali, u t-telf ta' qliegh li tbati 'l quddiem minhabba l-inkapacita' ghal dejjem, totali jew parzjali, li dak l-eghmil seta' jgib.*

*(2) Is-somma li ghandha tigi moghtija ghal din l-inkapacita' tigi stabbilita' mill-qorti, wara li tqis ic-cirkostanzi tal-kaz u, b'mod partikolari, ix-xorta u grad ta' inkapacita' ikkagunata, u l-kondizzjoni tal-parti li tbati l-hsara."*

Illi issa tenut kont ta' dan l-**artikolu 1045** jirrizulta car li tali somma tvarja skond ic-cirkostanzi tal-kaz in ezami, u li fiha l-Qrati dejjem ghandhom certu ammont ta' deskrizzjoni, proprju minhabba l-fatt li huma jkunu qed jezaminaw b'mod akkurat kull kaz fid-dettalji kollha tieghu.

Illi tali regoli gew supplimentati bil-principji stabbiliti fil-kawza **"Michael Butler vs Peter Christopher Heard"** (A.C. 22 ta' Dicembru 1967) li pero' giet aggustata ghaz-zminijiet aktar ricenti peress li kif intqal fil-kawza "**Salvatore Mifsud vs Carlo Camilleri et**" (A.C 16 ta' Novembru 1983) *"ic-cirkostanzi tal-hajja anke fil-gzira taghna nbidlu konsiderevolment u l-ammonti qeghdin isiru fuq kriterji ferm differenti minn dawk li kienu jsiru ghaxar snin jew ghoxrin sena ilu".*

Illi hekk per ezempju ghar-rigward tal-*multiplier* applikat ghall-kuncett tal-*working life expectancy of the victim* fejn qabel ic-*ceiling* qatt ma eccedda l-20, pero' llum bis-sentenza **"Mary Bugeja nomine et vs George Agius nomine"** (App. 26 ta' Lulju 1991) is-sitwazzjoni tbiddlet ghaliex l-istess Qorti rrikonoxxiet illi ghalkemm is-sistema stabbilita f'**Butler vs Heard** hija dik l-iktar addatta, sakemm tinstab sistema ohra ta' komputazzjoni aktar gusta, pero' dan ma jfissirx illi "*Il-Qorti ghandha jew tista'*

*tikkonsidra ruhha marbuta rigorozament ma' applikazzjoni tas-sistema msemmija li jorbtilha jdejha li dejjem u f'kull kaz ghandha tapplika multiplier li f'certi cirkostanzi evidentement ikun iwassal ghall-likwidazzjoni irreali jekk mhux addirittura ngusti. Fil-fehma konsiderata taghha, sistema, tkun liema tkun, hija tajba purche' thalli f'idejn il-gudikant dak il-margni ta' diskrezzjoni li hu jhoss li konformament ma' l-aspetti partikolari ta' kull kaz hu necessarju sabiex issir gustizzja".*

Illi dan gie segwit bis-sentenza "**Vincent Axisa vs Alfred Fenech et**" (P. A. 16 ta' April 1991) fejn il-Qorti sostniet illi *"din il-Qorti hija tal-fehma li ma ghandhiex tkun marbuta ma decizzjonijiet li jillimitaw il-life expectancy sa massimu ta' ghoxrin sena",* u tali principju gie konsistentement segwit u zvilluppat mill-gurisprudenza nostrali tenut kont dejjem tac-cirkostanzi kollha tal-kaz in partikolari, w inkluz *'changes and chances'* tal-hajja b'dan li l-Qorti ma ghandha tkun qatt marbuta ma "*xi massimu gia stabbilit sallum li, fl-ahhar mill-ahhar, huwa dejjem arbitarju w opinjonistiku".* ("**Karen Zimelli vs Michael Sammut**" - P.A.) ("**Anna Debono vs Law. Quintano Foodservice Limited gia' Pre Pacj Limited**" - P.A. (RCP) 24 ta' Marzu 2000) u **"Francis Meilaq et vs Brian Bonnici"** (A.C. – 27 ta' Frar 2003).

Illi din it-tendenza giet segwita f'diversi sentenzi fosthom "**Jacqueline Cassar vs Joseph Buhagiar et**" (P.A. 1.3.1992); "**Duncan Vassallo vs Khalid Schwej**" (P.A. 8 ta' Marzu 1996); "**Robert Barbara vs Saviour Galea**" (P.A. 11 ta' Ottubru 1996); "**Susan Davies vs Anthony Galea** (P.A. 10 ta' Ottubru 1997); "**Joseph Attard vs Carmelo D'Amato** (P.A. (N.A.) 5 ta' Ottubru 1999); "**George Gatt vs Francis E. Carbone**" (App. 7 ta' Lulju 1998); "**Anthony Turner et vs Francis Agius et**" (G.C.D. 17 ta' Frar 1998); "**Arthur Bonello nomine vs James Camilleri et**" (J.S.P. 13 ta' Jannar 1998), fejn ghalhekk il-*multiplier* gie aggustat sabiex jirrifletti r-realta' odjerna, u aspettattiva iktar ekwa u konformi mal-gustizzja effettiva.

Illi f'kaz ta' mewt il-posizzjoni odjerna hija dik kif stabbilita fis-sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fil-kawza

fl-ismijiet **"Anthony Turner et vs Francis Agius"** (A.C. 28 ta' Novembru 2003) fejn inghad:-

*"Il-Qorti trid mill-gdid taghmilha cara li f'kazi bhal dawn ma tezisti l-ebda formula magika, specjalment meta l-akkadut ikollu konsgwenzi fatali. Tifhem ukoll li hemm differenza f'sitwazzjoni fejn si tratta ta' mewt ta' kap ta' familja li minnu din tkun qed tiddependi direttament, ghal xi sitwazzjoni ohra fejn invece ghaz-zamma u ghixien taghha si tratta ta' membru iehor ta' familja………Din il-Qorti jidhrilha li ma hemmx ragunijiet bizzejjed biex f'dan il-kaz taddotta linja ta' kalkolu differenti ghal fini ta' kumpens, minn kif stabbilit fil-maggoranza ta' kazi simili".*

Illi l-istess jinghad fil-kawza fl-ismijiet **"Mario Mizzi et vs Paul Genovese et"** (A.C. – 3 ta' Marzu 2006) fejn inghad illi:-

*"A skans ta' ripetizzjoni ghalhekk, qeghda ssir riferenza shiha ghal dik is-sentenza finali* **(Anthony Turner et vs Frances Agius et)** *ghar-raguni li din il-Qorti ghadha tikkondividiha pjenament u dan ifisser li l-quantum tad-danni f'din il-kawza wkoll irid jigi ridott sostanzjalment………………..."* u hawn il-Qorti tirreferi ghal dak li sostniet u affermat l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell f'dik is-sentenza kemm rigward *multiplier* li ghandu jinhadem fuq medda ta' hajja lavorattiva, il-grad ta' dipendenza bejn il-vittma u l-atturi fejn fl-ewwel lok isiru ezercizzji ta' riduzzjoni mill-ammont globali b'rata ta' terz u mbaghad issir riduzzjoni ulterjuri ta' dak li huwa msejjah bhala *"self consumption"* u fl-ahhar nett issir riduzzjoni ghal dak imsejjah bhala *lump sum payment*, tenut kont kemm ikunu hadu l-proceduri in ezami.

Illi jidher li r-relazzjoni peritali rrispettat dawn il-principji kollha ricentament ikkonfermati mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell u din il-Qorti thoss li fic-cirkostanzi ghandha tapplika l-istess gurisprudenza u taqbel allura ma' dak indikat mill-istess perit legali b'dan li abbazi tal-kalkoli minnu maghmula fuq il-paga minima bhala l-bazi ta' kalkolu tal-qliegh futur ta' Stephen Ellul Bonici debitament aggustat minhabba l-inflazzjoni.

*"Dwar il-konsistenza ta' dan l-aggustament, ghandu jinghad li skond l-indici ufficjali ta' l-gholi tal-hajja fl-ghaxar snin ta' bejn l-1993 (495.60) u l-2003 (646.84) kien hemm zieda ta' 30%. Ghalhekk ghall-fini ta' kalkolu tal-bazi tad-dhul ta' Stephen Ellul Bonici tenut kont tal-paga minima fiz-zmien tal-incident (Lm32 cirka), dik attwali (Lm55 cirka) kif ukoll tenut kont taz-zieda fl-gholi tal-hajja fil-perjodu tal-multiplier, l-esponent jissottometti li din ghandha tkun ta' Lm75 fil-gimgha. F'dan il-kalkolu l-esponent qed jimxi fuq il-lini traccjati fis-sentenza "Turner vs Aguis".*

Illi applikati l-istess principji indikati fl-istess sentenza u biex jinzamm l'hekk imsejjah bilanc bejn il-principju tal-hajja lavorattiva ma' dak tac-*"chances and changes of life"* li ghandhom jghinu biex jiddeterminaw il-*multiplier* skond id-decizjonijiet l-aktar ricenti ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell, u tenut kont li fid-data tal-mewt Stephen Ellul Bonici kellu 25 sena, l-*multiplier* adoperat mill-perit legali ta' 33 sena huwa wiehed applikabbli ghall-kaz in ezami.

Illi minbarra dan il-Qorti trid tiehu konjizzjoni tad-*dependency issue* u jkun hemm tnaqqis ta' (1/3) terz ta' l-istess ammont rizultanti (33%) u minbarra dan trid titnaqqas somma ohra ghal dik maghrufa bhala *"self consumption"* fl-ammont ta' hamsa u ghoxrin fil-mija (25%).

Illi hekk mahduma din twassal ghas-segwenti kalkolu tad-danni sofferti fil-kaz tat-telf ta' hajja ta' dan il-bniedem, u dan dejjem skond il-binarju stabbilit fil-gurispridenza l-aktar ricenti ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell anke fis-sentenzi fuq citati u inkluzi dik ta' **"Micallef St. John vs Spiteri et"** (A.C. 15 ta' Jannar 2002) u d-decizjonijiet citati mill-perit legali moghtija mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fil-kawzi fl-ismijiet **"Sammut vs Meilaq", "Scicluna vs Meilaq" u "Farrugia vs Meilaq"** fis-7 ta' Ottubru 2005 fejn sar tnaqqis ghal-*"lump sum payment"* ta' 8%, u din il-Qorti thoss li fic-cirkostanzi ghandha wkoll timxi fuq l-istess insenjamenti ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fl-istess tnaqqis imsemmi, b'dan li s-somma li tirrizulta wara li jsir l-imsemmi ezami hija s-segwenti u cjoe':-

(Lm75 x 52 x 33 x 33% x 75% x 92% = Lm 29,305).

Illi f'dan il-kuntest jinghad li din il-Qorti hadet konjizzjoni ta' l-argumenti kollha migjuba mill-partijiet fin-nota ta' osservazzjonijiet taghhom izda ma thossx li ghandha tiddipartixxi minn dak li kkonkluda dwaru l-perit legali Dr. Joseph Zammit McKeon u dan anke peress li l-istess persentaggi u tnaqqis huma bbazati fuq l-ahhar gurisprudenza konsistenti u kostanti ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell, kif ikkonfermati mid-decizjonijiet citati fl-istess rapport u f'din is-sentenza, u dan iwassal ghalhek sabiex it-tieni u t-tielet talba attrici jigu milqugha fl-ammont ta' disgha u ghoxrin elf, tliet mija u hames liri Maltin (Lm29,305).

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi din il-Qorti **taqta' u tiddiciedi**, billi fil-waqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut u dan *stante* li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, **tilqa' t-talbiet attrici** biss fis-sens hawn premess, b'dan illi:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-konvenut volontarjament ikkaguna l-mewt ta' Stephen Ellul Bonici u dan billi spara fuqu b'diversi tiri b'arma tan-nar fil-lejl ta' bejn il-hdax (11) u tnax (12) ta' Jannar 1990 u laqtu u b'hekk ikkawza danni lill-atturi.

2. Tillikwida d-danni sofferti mill-atturi u dan fl-ammont ta' disgha u ghoxrin elf, tliet mija u hames liri Maltin (Lm29,305).

3. Tikkundanna l-konvenut ihallas lill-atturi l-ammont ta' disgha u ghoxrin elf, tliet mija u hames liri Maltin (Lm29,305), somma hekk likwidata a bazi tat-tieni domanda tac-citazzjoni attrici.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-atti ndikati fic-citazzjoni attrici u bl-imghax legali mid-data tas-sentenza sa l-effettiv pagament kontra l-konvenut.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------